# GONNA U MONUMENTI

**Belt mibnija bi triqat paralleli, aktarx dojoq, miksurin bi tlieta jew erba' pjazez, ma tistax ma tħossx ħtieġa ta' pulmuni li minnhom igħaddi l-ossiġenu li jagħti n-nifs u l-ħajja lil dik il-belt. Dawn il-pulmuni huma l-gonna, li jagħtu l-ossiġenu tas-siġar lin-nies li jgħixu f'dawk l-inħawi. Il-Kavallieri kien u jafuh dan u għalhekk huma barra l-pjazez, fetħu ġonna fil-periferiji tal-Belt Valletta. L-Ingliżi ssuktaw dan u ħawlu siġar fi Pjazza Reġina u ma' żewġt iġnub tal-Knisja ta' San Gwann, max-xtut u 'l hawn u 'l hemm.**

Minn Mons. Prof. A. BONNICI

Illum se nsemmu wieħed minn dawn il-Gonna: dak tal-Barrakka ta' Fuq, u ngħidu xi ħaġa dwar il-monumenti u l-irħamiet kommemorattivi ta' ġo fih.

### FRA FLAMINIO BALBIANO

Il-Barrakka ta' Fuq kienet tifforma parti mill-bastjun fdat f'idejn il-Lingwa tal-Italja. Fra Flaminio Balbiano, Gran Pirjol ta' Messina, kavallier li ssemma għall-ħila tiegħu fl-eżerċtu u l-flotta tal-Ordni Gerosolmitan u għall-ġenerożita' tiegħu, fl-1661 tella' a spejjeż tiegħu l-arkati li naraw illum isebbħu l-Barrakka u saqqafhom, ħalli hemmhekk setgħu jirrikrejaw ruħhom il-Kavallieri Taljani u jgawdu mn'hemm il-veduta sabieħa tal-Port il-Kbir. F'xi festi popolari l-post kien jinfetaħ ukoll għall-poplu.

Zewġ irħamiet kienu jfakkru l-ħila u l-ġenerożita' ta' Balbiano. Jiena rajt waħda biss u fuqha hemm l-arma ta' Balbiano, li jiena naf sewwa, għax kemm-il darba ngħaddi minn ħdejn il-lapida tiegħu fil-Knisja ta' San Gwann, jiena u għaddej għall-Oratorju.

### IL-MONUMENT TA' EDWARDS U OHRAJN

Hdejn l-irħama ta' Balbiano li qegħda fil-Barrakka fuq id-daħla għal fejn dari, kien hemm il-'lift', wieħed jara kolonna twila b'qasrija jew urna fuqha, imtellgħin fuq bażi wiesgħa. Dan hu l-monument li Sir Thomas Maitland, l-ewwel Mexxej Ingliż ta' Malta bit-titlu ta' Gvernatur, waqqaf b'tifkira lill-ħabib tiegħu Lt. Colonel Clement Martin Edwards, li miet fl-1816. Servew it-tnejn flimkien fil-"First Ceylon Regiment". Edwards kien imfaħħar għat-talent u l-ġenerożita' tiegħu u għadda xi żmien Malta bħala Segretarju Militari tal-Gvernatur. F'xi kotba bi żball issib li dan il-monument hu tifkira għal Maitland, għax hemm ismu mniżżel fl-iskrizzjonijiet li hemm fil-faċċati tiegħu.

Man-naħa l-oħra tal-Barrakka, f'rokna, wieħed jilmaħ kolonna oħra b'urna fuqha. Mill-iskrizzjoni tagħha jidher li hija tifkira ta' Sir Thomas Francis Fremantle, li kien fil-Kmand Ewlieni tal-Forzi Navali Ngliżi fil-Mediterran u miet f'Napli fl-1819.

Tista' tgħid ħdejh, hemm il-grupp tal-bronż li jirrappreżenta l-"Gavroches" — tlitt itfal qed jaħirbu mbeżżgħin — maħdum u mogħti lil Malta mill-magħruf skultur tagħna Antonio Sciortino. Illum nistgħu ngħidu li hu tifkira ta' dak l-artista kbir żebbuġi. Għandna opri oħra tiegħu, bħall-monument tal-Assedju l-Kbir u l-istatwa ta' Kristu Re.

### LORD STRICKLAND U CHURCHILL

Malti ieħor li hu mfakkar fil-Barrakka u li l-monument tiegħu qiegħed f'post l-aktar prominenti. sewwa sew f'nofs il-Barrakka, huwa Lord Gerald Strickland (1861-1941). Werriet tal-Contea della Catena: ħadem kemm felaħ favur l-Imperu Ngliż fis-Servizzi Civili. Laħaq Gvernatur Kolonjali fl-Awstralja u Segretarju tal-Gvern Kolonjali f'Malta. Kien membru konservattiv fil-"House of Lords". Daħal fil-politika maltija u laħaq Prim Ministru ta' Malta fl-1927. Dan 4 snin.

Max-xellug, inti u dieħel, hemm żewġ monumenti: wieħed żgħir kolonna b'bust tal-bronż fuqha, li jfakkar lil Sir Winston Churchill, il-Prim Ministru Ngliż, li għamel kemm felaħ biex ġieb rebħa tal-allejati fuq l-Assi Germanja-Italja, u għin lil Malta bil-proviżjon u l-munizzjon meħtieġin ħalli jilħaq l-għan tiegħu.

### TA' MIN HU?

Mal-ħajt ma' ġenbu hemm monument sabieħ, iżda mhux gawdut għax imgħotti tista' tgħid għal kollox bis-sigar Trid tarani, dakinhar tax-xita u r-riħ qawwi tal-ġimgħa l-oħra, nittawwal bejn il-friegħi tas-siġar, nersaq fil-ġenb u nerġa' mmur fin-nofs biex naqra l-iskrizzjoni, iżda ma stajtx inġib ħlief l-isem John Bathurst Thomson M.D. (jekk rajt sewwa) u xi kelma 'l hawn u 'l hemm. X'kien u x'kellu x'jaqsam ma' Malta għalhekk ma nistax ngħidilkom. Morru ġġebbdu u tqagħwġu intom, jew itolbu lil ta' l-Agrikoltura jiżbru s-siġar.

Mal-istess naħa, iżda wara l-arkati, hemm żewġ monumenti oħra: wieħed ta' Sir Harry Hotham, bil-bust tiegħu fuqu, u l-ieħor fil-qiegħ tal-kuritur tal-magħruf għaref malti Gużeppi Nikola Zammit, midfun f'San Gwann fil-kappella ta' Alvernja.

### SIR JOSEPH N. ZAMMIT

Sir Joseph (1777-1823) kien Duttur fil-Liġi Kanonika u Civili, Kommendatur tal-Ordni Għoli ta' San Mikiel u San Gorġ, magħruf għall-kultura tiegħu u għall-għarfien tal-lingwi u tad-drawwiet u l-liġijiet Ingliżi, serv fidil tal-Majesta' Rjali. Hadem sew fil-Qrati, kif ukoll fil-Gvern Kolonjali, għall-ġid ta' Malta. Hekk wieħed j a q r a fl-iskrizzzjonijiet kommemorattivi li hemm fil-monument imtella' b'tifkira tiegħu mill-Gvernatur Maitland, li juri lil Sir Joseph bil-qegħda fuq sedja, kif immaġinah l-iskultur malti Vincenzo Dimech u taħtu żewġ iljuni maħdumin minn Ferdinandu Dimech. Dnub li mnieħru qed jaqgħalu! Ta' min jieħu ħsiebu u jirranġah, għax, wara kollox, Sir Joseph ma kienx imġiddem.

Fl-istess kuritur hemm żewġ niċeċ-monumenti: wieħed ta' Arthur Baynes, Segretarju tal-Gvern Ingliż f'Malta, u l-ieħor tal-Kaptan Rinaldo Sciberras, li miet fil-battalja ta' Ferozeshah fl-Indja.

### IRHAMIET MA' L-ARKATI

Mal-ħitan, imwaħħlin 'l hawn u 'l hinn fil-ġnien, naraw irħamiet bi skrizzjonijiet jew bil-malti, jew bl-ingliż jew bil-latin, li jfakkru t-talenti jew il-ħila ta' xi nies li għamlu ġid lil Malta, jew xi ġrajja mportanti.

Fost dawn insemmu (1) l-irħama tal-Isqof Franġisku Saverju Caruana, li fittex u ġġieled għall-ħelsien ta' Malta; (2) tat-28 ħaddiem li mietu fuq il-"Moor" fl-1941; (3) tas-suldati li mietu fil-Barrakka matul l-aħħar gwerra; (4) tat-Tabib Rużar Briffa, li tant ħadem għall-mixi 'l quddiem tal-Ilsien Malti li kiteb bih poeżiji sbieħ. Irħama oħra, li tagħti għall-Port il-Kbir, tfakkar fit-tberik tal-Baħar li ta mn'hemmhekk stess il-Kardinal Domeniko Ferrata fil-Kongress Ewkaristiku Nternazzjonali, li sar f'Malta fl-1913.

Barra mill-Barrakka, mal-ħajt tal-lemin, hemm skrizzjoni li tfakkar il-għarqa ta' baħrin li kienu fuq il-vapur "H.M.S. Orlando" fil-Bajja ta' Tunes fl-1864.

Tmur sal-Barrakka u toqgħod taqra dawk l-iskrizzjonijiet tistħajlek ftaħt u qed taqra xi ktieb tal-Istorja ta' Malta. Imma dawk il-ftit xjuħ pensjonanti li kien hemm f'dawk il-jumejn ta' bard li mort inżurha jien, fit-tmienja ta' filgħodu, min jaf xi bdew jaħsbu meta rawni bil-karta u biro f'idi *nħażżeż il-pjanta* u nikteb l-iskrizzjonijiet! Kien imissni rajt xi pulizija ġej fuqi! Kien ikun kollu ħtija tal-"LEHEN IS-SEWWA".